MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 11/2008

**Patrick Spiteri**

**vs**

**Avukat Generali u Sylvana Spiteri ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Patrick Spiteri fejn dan, wara li ppremetta illi:

Huwa mizzewweg lil Sylvana Spiteri, liema zwieg gie celebrat fit-3 ta' Dicembru 1997;

Min tali zwieg il-partijiet ghandhom tifel bl-isem ta' Sebastian Spiteri, minuri u li llum ghalaq l-ghaxar snin;

L-istess Sylvana Spiteri, fil-21 ta' Gunju 2007, bdiet proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rks Nru. 261/2007) fejn qedgha titlob lil dik il-Qorti joghgobha tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

Fl-imsemmi rikors l-istess Sylvana Spiteri talbet lil dik il-Qorti sabiex takkordalha l-kura u l-kustodja tal-minuri izda fil-mori ta' dawn il-proceduri u flimkien mal-prezentata ta' l-imsemmi rikors, l-istess Sylvana Spiteri ukoll ipprezentat rikors iehor sabiex titlob lil dik il-Qorti tirregola l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri pendenti d-decizjoni finali;

Permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-20 ta' Lulju, 2007, dik il-Qorti cahdet it-talbiet ta' Sylvana Spiteri kif fuq indikati;

Sussegwentement ghal dan l-istess regghet ipprezentat l-istess talba lill-istess Qorti permezz ta' rikors ipprezentat fis-27 ta' Lulju, 2007 u dik l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet moghti fis-17 ta' Awissu, 2007 regghet cahdet it-talba taghha ghal kura u kustodja esklussiva taghha fuq it-tifel minuri u ordnat li l-istess kura u kustodja tibqa' kongunta;

Permezz ta' rikors ipprezentat fl-10 ta' Awissu, 2007, fl-atti tal-proceduri ghal separazzjoni personali gia msemmija, ir-rikorrent talab lil dik il-Qorti joghgobha, inter alia, tawtorizzah jiehu lil minuri ghal btala barra minn Malta ghal perjodu ta' ftit jiem u dan sabiex l-minuri jmur jara lil nantu paterna fl-okkazjoni ta' gheluq snina fl-eta ta' hamsa u sebghin sena (75).

Permezz ta' digriet moghti minn dik il-Qorti fis-17 ta' Awissu, 2007, tali talba giet michuda u dan ghaliex "*Tichad it-talbiet stante l-oppozizzjoni ta' l-attrici.*"

Tali digriet wassal ghal sitwazzjoni fejn it-tifel minuri ma jistax imur ghal btala ma missieru barra minn Malta lanqas ghal ftit jiem biss u dan minhabba l-oppozizzjoni ta' mart ir-rikorrent;

Dan iwassal ghal sitwazzjoni fejn il-godiment ghal hajja tal-familja u r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u ibnu qeghda tigi imfixxkla u limitata meta huwa fl-interess u dritt ta’ l-istess minuri li jgawdi relazzjoni tajba ma missieru u huwa dritt tar-rikorrent li jghix ir-relazzjoni tieghu bhala missier tal-minuri b’rispett ghal godiment ghal hajja tal-familja u b’mod li jirrispetta r-relazzjoni taghhom;

In oltre, tali digriet filwaqt li gia ghamel limitazzjonijiet u projbixxa lir-rikorrent milli jiehu lil ibnu ghal din il-btala ghand il-familjari tieghu ukoll tellef u llimita lir-rikorrent fl-ezercizzju tal-godiment u rispett lejn il-hajja familjari tieghu;

Tali projbizzjoni u limitazzjoni tammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent kif sancit fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-ligi fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha (1) tiddikjara li b’effett tad-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 ta’ Awissu, 2007 fl-atti tal-proceduri fl-ismijiet Sylvana Spiteri v. Patrick Spiteri (Rks Nru 261/07 JA) wara rikorsipprezentat mill-istess rikorrent quddiem din il-Qorti fl-10 ta’ Awissu, 2007 jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal godiment u rispett ghal hajja tal-familja kif sancit fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta; (2) li taghti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni li jidhrilha din l-Onorabbli Qorti sabiex jindirizzaw u jirrimedjaw b’mod effettiv il-vjolazzjoni sofferta mir-rikorrent fosthom li tiddikjara l-imsemmi digriet null u minghajr effett.

Rat ir-risposta ta’ Sylvana Spiteri, li in forza taghha eccepiet illi:

L-istess rikorrent ghadu ma ezawriex ir-rimedji disponibbli ghalih;

F’kull kaz, id-digriet tas-17 ta’ Awissu 2007 tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma jammontax ghall-vjolazzjoni tad-

dritt tar-rikorrent ghall-godiment u rispett ghall-hajja tal-familja;

Fid-digriet taghha attakkat b'dawn il-proceduri, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet ordnat illi r-rikorrent ma jsifirx lill-minuri minhabba s-sogru illi t-tifel ma jigix ritornat Malta u b'dan il-mod ittuttelat id-drittijiet sew tal-imsemmi tifel minuri u kif ukoll tal-esponenti taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali, li permezz taghha eccepixxa illi:

Preliminarjament, ir-rikorrent kellu rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni tieghu konsistenti jew f'talba lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghall-permess li jappella mid-digriet taghha tas-17 ta' Awissu 2007 ai termini tal-artikolu 229(3) tal-Kap. 12 jew inkella f'talba ai termini tal-artikolu 229(4) tal-Kap. 12 sabiex l-istess Qorti li tat id-digriet tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha. Galadarba r-rikorrent ma ezercitax xi wiehed minn dawn ir-rimedji meta kellu kull opportunita' li jaghmel hekk, din il-Qorti hija mistiedna tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors.

Inoltre, l-azzjoni Kostituzzjonali ma tipprevedix ir-revizjoni ta' decizjonijiet ta' Qrati ohrajn sakemm ma jkunx hemm allegazzjonijiet ta' ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. F'dan il-kaz, jidher li l-Qorti tal-Familja ddeliberat dwar it-talba li kellha quddiemha u waslet ghall-konkluzjoni specifika. L-esponent ma jista' jirriskontra ebda nuqqas la tal-Qorti nnifisha (ghalkemm dan mhux qed jigi allegat) u lanqas tal-Istat f'din il-vicenda. Jekk wiehed jippretendi li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti ghandha tigi riveduta minn din il-Qorti, ikun qieghed jistultifika l-funzjoni ta' din il-Qorti ghal wahda ta' appell, meta r-rimedju tal-appell – kemm bhala revizjoni tad-digriet mertu ta' din il-kawza kif ukoll mid-decizjoni finali tal-Qorti dwar is-separazzjoni tal-partijiet – huwa rimedju kompletament separat mir-rimedju utilizzabbli fil-forum Kostituzzjonali.

Inoltre ma jissussisti ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi jekk wiehed janalizza l-artikolu 8

u specifikament l-ewwel subparagrafu, li jidher li hu dak applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz prezenti, isib li l-kwistjonijiet principali li jqumu huma tnejn: jekk il-kaz in kwistjoni jaqax fl-ambitu ta’ xi wiehed mill-interessi protetti mill-artikolu 8; u x’inhu mehtieg li l-Istat jaghmel sabiex ‘jirrispetta’ tali interess. Fil-kaz odjern, ir-relazzjoni bejn il-missier u t-tifel certament taqa’ fil-parametri koperti mill-artikolu 8. Izda dan ma jfissirx li bid-decizjoni li ttiehdet sehhet xi vjolazzjoni tal-artikolu 8 min-naha tal-Istat. L-Istat m’huwiex mistenni permezz tal-organi gudizzjarji tieghu li jiffavorixxi lill-membru wiehed ta’ koppja separata meta l-istess organi gudizzjarji jkunu ddecidew li l-kustodja tat-tifel taghhom ghandha temporanjament tkun kongunta. Anzi, kieku kellu jaghmel hekk, b’dan l-agir tieghu kien ikun certament qed jesponi ruhu ghall-azzjoni Kostituzzjonali tal-inqas taht l-artikolu 8 u 14 tal-Konvenzjoni.

Inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, peress li l-proceduri ta’ separazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata l-ohra ghadhom pendenti, kien ghaqli min-naha tal-Qorti li tirrispetta ukoll ir-rieda tal-omm u ma tippermettix li t-tifel jitbieghed minn dawn il-Gzejjer. Una volta li l-kustodja tat-tifel tigi mbaghad determinata finalment, ikun ukoll possibli li r-rikorrent jottjeni dak li jixtieq bi ftehim tal-partijiet jew b’decizjoni tal-Qorti. Wiehed irid jikkonsidra li t-tfal huma l-aktar element sensittiv f’relazzjoni. L-artikolu 47 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jitkellem car illi:

*47. Fiz-zmien li tkun miexja l-kawza, il-qorti ghandha taghti dawk l-ordnijiet dwar min jiehu hsieb it-tfal kif jidhrilha xieraq, u meta tkun qed taghmel hekk ghandha tqis bhala l-iktar konsiderazzjoni importanti, il-gid tal-ulied.*

Ghaldaqstant, fid-dawl tar-ragunijiet suesposti, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern, bl-ispejjez kontra r-rikorrent Spiteri.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni taz-zewg intimati.

Ir-rikorrent odjern qed jilmenta illi digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) jledi d-dritt tieghu ghall-tgawdija u rispett tal-hajja tal-familja kif sancit fl-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Iz-zewg intimati jeccepixxu li r-rikorrenti kellu rimedji ohra li seta' jirrikorri ghalihom.

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward ta' din l-eccezzjoni huwa ben stabbilit. Fil-kawza "Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs" (deciza fis-16 ta' Jannar 2006), il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet:

"*Illi l-ezistenza ta' rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-ezistenza ta' rimedju iehor hija decizjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li (kien) jezisti rimedju iehor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk ghandhiex twarrab mili tezercita s-setgha taghha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha.*

*Kif inghad dan l-ahhar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja biex, min-naha l-wahda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wicchom kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jitfitxxu rimedji ohrajn imcahhda, mir-rimedji li ghandha jedd tfittex that il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed il jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.*"

Fil-kawza "Axiaq vs L-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku" (deciza fl-14 ta' Mejju 2004), il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi:

"*Ghalkemm huwa minnu li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha s-setgha ("…tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel…") li tiddeklina li tezercita s-setghat taghha taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taht l-artikolu korrispondenti fil-Kap. 319, tali setgha ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista' jkun hemm kaz serju ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) <u>meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz</u>.*"

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li d-digriet mertu ta' dawn il-proceduri, inghata mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-kuntest ta' proceduri ta' separazzjoni pendenti bejn il-konjugi Spiteri. Meta l-Qorti tal-Familja ppronunzjat ruhha fuq it-talba tar-rikorrent odjern, ghalhekk, dan dejjem seta' jitlob ghar-revoka "contrario imperio" tal-istess, u b'hekk il-Qorti kienet tikkonsidra t-talba tieghu mill-gdid. Seta' ukoll jitlob permess lill-istess Qorti sabiex jinterponi appell mid-digriet de quo, dan ai termini tal-Art. 229(3) tal-Kap. 12. Dawn ir-rimedji, ir-rikorrent odjern ma kkunsidrahomx jew inkella kkunsidrahom u skartahom.

Kif gie ritenut fil-fuq citata kawza "Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs":

"*M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li ser jaghti lir-rikorrenti success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci ...*"

Ara ukoll "Cachia vs Avukat Generali", sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta (deciza fil-5 ta' Gunju 2007).

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u peress illi tqis li r-rikorrent kellu u ghandu ghad-dispozizzjoni

tieghu rimedju iehor effettiv, taghzel li ma twettaqx is-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha u dan skond l-Art. 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------